TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 11/12/GZ

**Mary u Salvu Agius**

**vs**

**Renzam Laundry & Dry Cleaning**

Illum 3 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni fl-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00)) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal tliet (3) kowtijiet, liema kowtijiet gew iddanneggjati mis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu baghtu tliet (3) kowtijiet lis-socjeta' ntimata f'Mejju u s-socjeta' ntimata kienet irritornat xi hwejjeg ohra, pero' l-kowtijiet ma kienux gew irritornati. Il-kowtijiet kienu gew irritornati fl-ahhar ta' Lulju, fejn ir-rikorrenti kienu baghtuhom lura stante illi ma kienux fi kondizzjoni tajba. Wara xi zmien minghajr ebda kuntatt da parti tas-socjeta' ntimata, u wara diversi telefonati min-naha tar-rikorrenti, ir-rikorrenti kienu marru l-fabbrika fejn gew informati illi l-kowtijiet kienu ser jintbaghtu dalwaqt. Meta fil-fatt gew irritornati l-imsemmija kowtijiet, xorta wahda ma kienux fi kondizzjoni tajba. Ir-rikorrenti talbu lis-socjeta' ntimata sabiex tirrifuzahom l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00) ghaliex daqshekk kienu jiswew l-imsemmija kowtijiet meta kienu xtrawhom.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew it-tliet (3) kowtijiet in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, illi apparti mill-fatt illi t-Tribunal ma nnota l-ebda difett fil-kowtijiet in kwistjoni, ma giet ezebita l-ebda rcevuta bhala prova tal-valur originali tal-kowtijiet. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**